Dikjarazzjoniet tar-raġunijiet tal-Kunsill: Pożizzjoni (UE) Nru 4/2015 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonċerna r-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura u bbażata fuq is-servizz 112, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE

(2015/C 134/02)

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-13 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq għal Regolament lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, flimkien ma' proposta għal Deċiżjoni rispettiva. Iż-żewġ proposti kellhom l-għan li jiżguraw it-tnedija tal-użu tas-servizz tas-sejħa ta' emerġenza (eCall) ibbażat fuq in-numru 112 fl-Unjoni kollha.

   Id-Deċiżjoni ([1]) ġiet adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Mejju 2014.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2013.

3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ppreżenta l-opinjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fid-29 ta' Ottubru 2013.

4. Il-Parlament Ewropew (ir-relatriċi s-Sinjura Olga Sehnalová, il-Kumitat IMCO) adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-26 ta' Frar 2014. Is-Sinjura Sehnalová nħatret mill-ġdid bħala relatriċi wara l-elezzjonijiet ta' Mejju 2014.

5. Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali fis-26 ta' Mejju 2014 (dok. 9879/14). Ingħata mandat lill-Presidenza biex jinfetħu negozjati mal-Parlament Ewropew.

6. Saru tliet trilogi fit-8 ta' Ottubru, fil-11 ta' Novembru u fl-1 ta' Diċembru 2014. Fit-tielet trilogu, il-koleġislaturi laħqu qbil dwar test ta' kompromess. B'segwitu għal dan, permezz ta' ittra tat-8 ta' Diċembru 2014, il-Parlament Ewropew informa lill-Kunsill li, jekk il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari abbażi tat-test ta' kompromess li dwaru kien hemm qbil, il-Parlament Ewropew ser jivvota favur it-test adottat mill-Kunsill mingħajr aktar emendi.

II. OBJETTIV

7. Dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-użu tas-sistema eCall immuntata fil-vettura. Dan jeħtieġ il-kostruzzjoni ta' tipi ġodda ta' karozzi tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief b'tali mod li jiżguraw li f'każ ta' aċċident gravi, tiġi attivata b'mod awtomatiku jew manwalment sejħa ta' emerġenza lin-numru ta' emerġenza 112. Minħabba n-natura tal-informazzjoni li qiegħda tiġi pprovduta minn dan is-servizz, il-proposta tistabbilixxi wkoll regoli dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Ġenerali

8. Il-Kunsill introduċa diversi emendi għall-proposta oriġinali. B'mod parallel, il-Parlament Ewropew ivvota wkoll għadd ta' emendi li essenzjalment kienu pjuttost qrib dawk diskussi fil-Kunsill. Intlaħaq qbil malajr bejn iż-żewġ Istituzzjonijiet, u kien hemm dewmien biss minħabba l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'Mejju 2014.

([1]) Id-Deċiżjoni Nru 585/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-varar ta' eCall interoperabbli madwar l-UE kollha (ĠU L 164, 3.6.2014, p. 6)

Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari temenda l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni billi parzjalment tabbozzaha mill-ġdid abbażi tal-qbil li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew.

B. **Kwistjonijiet ta' politika ewlenin**

9. Sistema eCall ibbażata fuq in-numru 112

Ir-referenza għas-sistema eCall ġiet iċċarata fit-test kollu, inkluż fit-titolu, permezz taż-żieda li dan speċifikament jikkonċerna s-sistema eCall ibbażata fuq in-numru 112.

10. Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati

Il-Kunsill ippreveda l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament biex ikopri wkoll sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati.

11. Eżenzjonijiet

Il-Kunsill żied dispożizzjoni li tiċċara liema kategoriji ta' vetturi huma eżentati.

12. Żieda ta' definizzjonijiet ġodda

Ġew miżjuda għadd ta' definizzjonijiet ġodda li ċċaraw ċerti kunċetti użati fit-test u li ser jintużaw ukoll fil-futur fl-atti delegati.

13. Sistemi eCall "installati b'mod permanenti"

Ġiet miżjuda kjarifika fit-test li s-sistema eCall għandha tkun installata b'mod permanenti fil-vettura meta din tiġi ppreżentata għall-approvazzjoni tat-tip.

14. Servizzi ta' partijiet terzi (TPS - Third Party Services)

Il-Kunsill żied fit-test l-possibilità għas-sidien tal-vetturi li jużaw it-TPS flimkien mas-sistema eCall ibbażata fuq in-numru 112, filwaqt li evita li jimponi kwalunkwe obbligu fuq it-TPS.

15. Kompatibilità ma' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita

Il-Kunsill ippreveda l-kompatibilità obbligatorja tas-sistema eCall mas-sistemi ta' navigazzjoni Galileo u EGNOS filwaqt li ta lill-manifatturi l-possibbiltà li jiżguraw ukoll il-kompatibilità ma' sistemi oħra ta' navigazzjoni.

16. Aċċess ta' operaturi indipendenti

Fit-test ġie previst li s-sistema eCall ibbażata fuq in-numru 112 għandha tkun aċċessibbli għall-operaturi indipendenti għall-finijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni għal tariffa raġonevoli skont ir-Regolament (KE) 715/2007 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi.

17. Regoli dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data

Il-Kunsill emenda l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni billi pprovda referenza ċara għar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali, billi stipula li d-data tal-eCall tista' tintuża biss biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet ta' emerġenza u li din għandha titħassar awtomatikament, li ma jistax ikun hemm skambju ta' data bejn is-sistema eCall ibbażata fuq in-numru 112 u kwalunkwe sistema ta' partijiet terzi u li l-manwal tas-sid għandu jipprovdi lis-sid b'informazzjoni dwar l-ipproċessar ta' data minn kwalunkwe waħda minn dawn iż-żewġ sistemi.

18. Atti ta' implimentazzjoni

Fit-test, il-Kunsill żied ukoll dispożizzjoni li ċerti arranġamenti prattiċi fil-qasam tal-protezzjoni tad-data għandhom jiġu speċifikati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni aktar milli atti delegati. Dan involva ż-żieda tad-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' promulgazzjoni.

19. Għoti ta' setgħa lill-Kummissjoni

It-test tal-Kunsill jistipula li l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati għandu jkun limitat għal perijodu ta' 5 snin, estiż b'mod taċitu, u li l-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa disa' xhur qabel ma jintemm il-perijodu ta' 5 snin.

20. Rappurtar u rieżami

Ġiet miżjuda dispożizzjoni li titlob lill-Kummissjoni biex sal-2021 tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni dwar il-kisbiet tas-sistema eCall u r-rata ta' penetrazzjoni tiegħu, u biex tinvestiga l-possibbiltà ta' estensjoni ta' dan ir-Regolament għal kategoriji oħra ta' vetturi u biex tivvaluta l-ħtieġa għal pjattaforma b'aċċess miftuħ.

21. Data tal-applikazzjoni

Id-data tal-applikazzjoni ġiet iffissata b'rabta ma' dak li huwa previst fid-Deċiżjoni 585/2014/UE għall-varar ta' eCall interoperabbli madwar l-UE kollha. Id-data tal-applikazzjoni ġiet stabbilita għall-31 ta' Marzu 2018.

22. Emendi tal-Annessi

L-Anness ġie mmodifikat mill-Kunsill biex jirrifletti aħjar id-dispożizzjonijiet fl-Artikoli.

23. Premessi

Il-premessi ġew emendati mill-Kunsill biex jikkorrelataw mal-partijiet operattivi mmodifikati tar-Regolament u biex jirriflettu ċertu tħassib espress mill-Parlament Ewropew.

IV. **KONKLUŻJONI**

Fl-istabbiliment tal-Pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill ħa kont sħiħ tal-proposta tal-Kummissjoni u tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari.

Fir-rigward tal-emendi proposti mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill innota li għadd kbir ta' emendi ġew inklużi fil-pożizzjoni tiegħu, fl-ispirtu, parzjalment jew kompletament.